**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**(Avv. Sean Gabriel Azzopardi)**
**(Spettur Kylie Borg)**
**(Spettur Roderick Agius Custo')**

**vs**

**Aeham Suleiman**

**Kumpilazzjoni Numru: 706/2021**

**Illum, tmienja (8) ta' April, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Aeham Suleiman** akkuzat:

1. **Talli fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) u/jew fil-granet u l-gimghat ta' qabel, gewwa l-fond Desire, Triq id-**

**Deheb fin, Hal Qormi, Malta u/jew f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena *ossia* ma' -Omissis- ta' hmistax (15)-il sena;**

2. **Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'ghemil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena *ossia* -Omissis- ta' hmistax (15)-il sena;**

3. **Talli fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) u/jew fil-granet u x-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ippropona li jiltaqa' ma' persuna ta' taht l-età *ossia* -Omissis- ta' hmistax (15)-il sena, bil-hsieb li jitwettaq xi reat taht l-artikoli 204, 204A sa 204D**

**it-tnejn inkluzi, u 208A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet, liema proposta giet segwita b'atti materjali li wasslu ghal dik il-laqgha;**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawza u f'kaz ta' htija *ai termini* tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta favur il-minuri -Omissis- u l-familjari taghha;**

**Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat liema ammissjoni giet ikkonfermata qabel ma nghatat is-sentenza;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu 2022 fejn biha elenka dawk l-Artikoli li dwarhom qed jitlob li tinstab htija u cioè:

1. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 18, 204C(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 18, 203 tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 18, 208AA(1) tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 383, 384, 385 tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikolu 6(2) tal-Att dwar Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda kollha inkluz dak tal-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-kaz *de quo* jittratta dwar allegat partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il

sena. Illi kif digà nghad l-imputat ammetta ghal tali reat fis-seduta datata sebgha (7) ta' Novembru tas-sena 2023.

Illi l-artikolu li jirregola r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni huwa l-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula hekk:

> *"Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin."*

Illi mbaghad l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax -il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin"*

Illi l-Artikolu 208AA(1) jistipula dan li gej:

> *"Kull persuna ta' tmintax (18)-il sena jew aktar li tkun iltaqghet jew ikkomunikat ma' persuna ta' taht l-età ta' sittax (16)-il sena f'okkazjoni wahda jew izjed, li intenzjonalment tiltaqa' jew b'kull mezz*

*tipproponi li tiltaqa' jew tirranga biex tiltaqa' mal-imsemmija persuna ta' taht l-età ta' sittax (16)-il sena li hija ma tkunx temmen ragjonevolment illi hija ta' età ta' izjed minn sittax (16)-il sena, bil-hsieb li taghmel xi haga lil jew dwar l-imsemmija persuna ta' età ta' taht is-sittax (16)-il sena waqt jew wara l-imsemmija laqgha li jekk issir tkun tinvolvi t-twettiq ta' xi wiehed mir-reati fl-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inkluzi, jew 208A, tehel meta tinstab hatja l-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt (6) snin".*

Illi l-ammissjoni tal-imputat giet rregistrata fi stadju avvanzat ta' dawn il-proceduri izda l-istess imputat kien anke kkopera mal-prosekuzzjoni fl-istadju investigattiv.

Illi di piu' l-imputat wera li ma tantx ried jottempera ruhu ma' kwalunkwe ghajnuna lilu moghtija tul dawn il-proceduri specjalment mal-ufficjal tal-Probation imqabbad lilu f'dawn il-proceduri.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li l-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri kkonkludiet fir-rapport taghha a fol. 444 tal-atti processwali:

> *"... Filwaqt li ma nstabux rekords tieghu mal-agenziji li jahdmu kontra l-vizzji u mal-Isptar Monte Karmeli,* ***Aeham naqas milli jissottometti ruhu ghal kampjun tal-urina gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole minkejja diversi tentattivi matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport***[1]*."*

Illi l-Qorti tosserva li l-konferma li l-imputat m'ghandux sustanzi lleciti fis-sistema tieghu qatt ma giet konfermata. Tali nuqqas huwa solidament tort tal-imputat. Gie osservat mill-Ufficjal tal-Probation li l-istess imputat naqas milli jattendi appuntament ghat-test tal-awrina.

Illi jinghad ukoll li ma tezisti ebda skuza fejn l-imputat jista' jonqos mill-obbligi tieghu lejn din il-Qorti sabiex juri li hu lest biex verament jirriforma ruhu. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis il-pieni marbutin mal-akkuzi li nhargu fil-konfront tal-imputat u li gew elenkati iktar 'il fuq. Ghaldaqstant a rigward ta' piena ser timponi piena ftit aktar oneruza milli solitament timponi.

## Ikkunsidrat

[1] Emfazi tal-Qorti

Illi jidher mill-akkuza u mic-certifikati tat-twelid esebiti fl-atti tal-istess imputat (Dok. KB4) u tal-parte civile (Dok. KB2) illi dak iz-zmien tar-reat l-imputat kellu ghoxrin (20) sena u l-parte civile kellha hmistax (15)-il sena. Illi ghalhekk bejn l-imputat u l-parte civile kien hemm differenza ta' hames (5) snin.

Illi l-Qorti tosserva li l-akkuzi li ammetta ghalihom l-imputat fil-kawza odjerna huma simili ghal dik li nstab hati ghaliha fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena 2023, u dan kif hemm indikat fil-fedina penali a fol. 453 tal-atti processwali. Huwa minnu li l-imputat mhux mixli bl-akkuza tar-recidivizmu, izda din il-Qorti thoss li hija fid-dover li twissi li dawn l-atti ma humiex accettabbli. Minkejja dan il-Qorti xorta wahda ser toffri opportunità lill-imputat sabiex jiehu l-inizjattiva u jirriforma ruhu.

Illi maghdud ma' dan referenza qieghda ssir ghal dak li gie stipulat fis-*Social Inquiry Report* a fol. 451 tal-atti processwali:

> *"... Hekk kif ir-rekord kriminali tieghu huwa compost minn reat tal-istess natura, huwa krucjali li huwa jaghraf l-importanza li ggorr maghha l-eta` tal-kunsens sabiex jigu evitati incidenti simili. Huwa*

*imperattiv ukoll li jkompli jiehu hsieb il-familja tieghu u dan filwaqt li jirregola ruhu galadarba jkollu d-dokumenti necessarji disponibbli ghalih."*

Illi gialdarba gie kkonfermat li sar l-att sesswali u stante li din il-Qorti setghet mill-provi prodotti tiddeduci li l-istess atti saru bil-kunsens, din il-Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika. Ghalhekk il-Qorti ser tapplika l-istess Artikolu meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 203 (1), 204C (1), 204C (3) u 208AA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat **Aeham Suleiman** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih fuq ammissjoni u stante li t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi huma mezz ghal fini tal-ewwel (1) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat ghal sentejn (2) prigunerija li qed jigu sospizi ghal tliet (3) snin.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**